**Kulleġġ Santa Margerita**
**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2011**

| | | |
|---|---|---|
| **Is-Sitt Sena** | **Malti Kitba** | **Ħin: Siegħa u Kwart** |

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** __________

**A. Aqra sew is-silta li ġejja, imbagħad wieġeb:**

Kien is-Sibt u bħas-soltu, Maria kienet fi triqitha lejn il-ħanut tal-merċa biex tagħmel ix-xirja. Magħha kien hemm bintha Lara, għaddejja l-hena tagħha issuq ir-rota. (Par 1)

Is-sema kien ikħal nir, mingħajr lanqas sħaba waħda. Saħansitra l-għasafar fil-kenn tal-friegħi tas-siġar, bħal donnhom kienu qed ipespsu aktar mis-soltu. Fuq il-fjuri tal-ġnien li kien idawwar il-bandli, kien hemm għadd mhux ħażin ta' friefet, jittajru ferħana u jimlew il-ġnien bi lwien mill-isbaħ! Donnu kien jum maġiku! (Par 2)

It-tifla bilkemm tat ċans twaqqaf ir-rota, meta kienet pronta qabżet minn fuqha u ġriet lejn il-bandli. Ħassitha qisha prinċipessa fil-kastell tagħha, għax il-bandli ma kien hemm ħadd ħliefha! Marret tiġri biex titbandal imma waqfet ħesrem meta nnutat li bandla minnhom kienet maqtugħa. Qabadha swied il-qalb u tħassritha lill-bandla. Ma setgħetx tifhem min kellu l-qalb iwettaq dan il-vandaliżmu! (Par 3)

Lara kienet marret biex tieħu gost! Għalhekk rikbet it-tieni bandla. "Kellu bżonn it-tfal kollha bħalek! Jiġu jieħdu gost u lilna jibżgħu għalina!" instema' leħen jgħid. Lara nħasdet! Il-bandli ma kien hemm ħadd aktar! "Ara lili x'għamluli! (Par 4)

Lara waqqfet par widnejn daqshiex! Il-leħen kien ġej proprju minn fejn kienet hi! B'imsarinha f'saqajha, dawret rasha lejn il-lemin u hemm fuq il-bandla l-imkissra, tara par għajnejn miksura iħarsu lejha, u par xofftejn li għal darb'oħra lissnu: "Imn'Alla jkunu tal-Kunsill Lokali li jagħmlu minn kollox biex aħna nibqgħu qawwijin u sħaħ! Nittama li jirranġawni ma jdumux għax jien, il-gost tiegħi hu li nagħti pjaċir lil tfal ħelwin u bilgħaqal bħalek". (Par 5)

Fid-daqqa u il-ħin, instama' leħen ieħor isejjaħ isem Lara. Kienet ommha li kienet lestiet ix-xiri tagħha u bdiet tgħajjat lil bintha biex jerġgħu lura d-dar. (Par 6)

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

**1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi timmarka X fil-kaxxa t-tajba (Par 1)**

| | | |
|---|---|---|
| Maria kienet sejra tixtri | il-Ġimgħa filgħaxija. | |
| | is-Sibt filgħodu. | |

(marka)

**2. Immarka b' X taħt il-kolonna t-tajba.**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| a | It-tifla kien jisimha Maria. (Par 1) | | |
| b | Lara kellha rota. (Par 1) | | |
| ċ | Dakinhar kien il-maltemp. (Par 2) | | |
| d | Il-bandli kien hemm ħafna tfal. (Par 3) | | |

($\frac{1}{2}$x4= 2 marki)

**3. X'kien hemm fuq il-fjuri tal-ġnien? (Par 2)**

________________________________________________

________________________________________________

(marka)

**4. Kif ħassitha t-tifla fil-bandli u għaliex? (Par 3)**

________________________________________________

________________________________________________

(2 marki)

**5. X'ġara meta Lara marret tiġri biex titbandal? (Par 3)**

________________________________________________

________________________________________________

(marka)

**6. Għaliex inħasdet Lara? (Par 4)**

________________________________________________

________________________________________________

(2 marki)

**7. Il-bandla kif xtaqet li jkunu t-tfal li jmorru biex jitbandlu fuqha? (Par 4)**

______________________________________________

______________________________________________

(marka)

**8. Mill-istorja, sib l-għadd imtenni ta':**

a. għajn - ____________________

b. xoffa - ____________________ (2 marki)

**9. Mill-istorja, sib il-kelma jew frażi li tfisser:**

a. pjaċir (Par 1) ____________________

b. blu (Par 2) ____________________

ċ. kuluri (Par 2) ____________________

d. dwejjaq (Par 3) ____________________

e. qalu (Par 5) ____________________ (5 marki)

**10. Għid għal min qed jirreferu dawn il-pronomi mehmużin:**

a. magħha (Par 1) ____________________

b. donnhom (Par 2) ____________________

ċ. bħalek (Par 4) ____________________

d. saqajha (Par 5) ____________________ (4 marki)

**11. F'paragrafu 2 insibu l-kliem 'Donnu kien jum maġiku'. Skont inti,x'ġara fl-istorja li jagħmlu 'jum maġiku'?**

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

**12. Agħti titlu lil din l-istorja.**

_______________________________________________________________

(2 marki)

**B. Imla l-vojt bl-artiklu kif meħtieġ. L-ewwel waħda lesta.**

Kien **is-** Sibt u kienu saru _____ sitta ta' filgħaxija. _____ familja Borġ kienet lesta għall-ħarġa tas-soltu. Marija libset _____ żarbun _____ ġdid u ħuha Mario libes _____ ngravata u _____ ġlekk li kien xtralu missieru. _____ zijiet u _____ kuġini kienu se jiltaqgħu magħhom. Flimkien kienu ser imorru _____ knisja u wara jmorru _____ ċinema.

(5 marki)

**Ċ. Ikteb kliem flok numri. L-ewwel waħda lesta.**

In-nanna tħobbu l-frott u meta ħarġet tixtri mliet il-qoffa bi **tliet** (3) larinġiet, __________________ (4) tuffiħat, __________________ (11) lanġasa, __________________ (10) ħawħiet u __________________ (2) bettiħat. Malli daqqu d- __________________ (9) ta' filgħodu bdiet issajjar. Kien il__________________ (31) ta' Marzu u kien ġej it-tifel jiekol għandha.

(6 marki)



**D. Kompli fl-għadd imtenni. L-ewwel waħda lesta.**



**Jumejn** (Jum) ilu kapsula spazjali sabet ruħha fuq l-art u hekk kif infetħet il-bieba ħareġ aljen. Kellu par __________________ (għajn) daqshiex, __________________ (widna) ippuntati u kbar u __________________ (spalla) miftuħin. Id- __________________ (difer) kienu twal u ħomor u r-__________________ (riġel) kienu twal mhux ħażin. Għalkemm kien fih daqs ġgant xorta rajtlu żewġ __________________ (demgħa) iċarċru ma' ħaddejh. (6 marki)

**E. Oħroġ il-kmand mill-għerq fil-parentesi. L-ewwel waħda lesta.**

1. Anna **iftaħ** (f – t – ħ) il-kaxxa.
2. Mario fittex __________________ (ħ – r – b).
3. "Kristina __________________ (ħ – r – ġ) 'il barra," ordnat l-omm.
4. L-għalliema qalet lit-tfal "__________________ (għ – m – l) x-xogħol sew".
5. Sandra __________________ (b – għ – t) il-kartolina.
6. Tfal __________________ (b – ż – għ) għall- ambjent. (5 marki)

**Ġ. Ikteb fin-negattiv. L-ewwel waħda lesta.**

It-Tnejn li għadda ħija **ma marx** (mar) skola. Hu __________________ (ried) iqum mis-sodda u __________________ (xorob) it-te' li għamlitlu ommi. __________________ (beda) jieħu n-nifs sew. Li ġralu kien tort tiegħu għax __________________ (sema') milli qaltlu ommi. Għalkemm __________________ (beka) xorta __________________ (kien) kuntent għax kien se jitlef logħba ballun.

(6 marki)

**G. Agħżel il-kelma t-tajba mill-parenteżi. L-ewwel waħda lesta**



1. Dan il-ktieb <u>**ta'**</u> Ġanni. (ta', ta)
2. Mort __________ Toni sal-Belt. (ma, ma')
3. __________Sonia għadni ma rajthiex. (Lil, Lill-)
4. Id-dgħajsa bdiet titbandal __________naħa għall-oħra. (minn, min-)
5. Dan ir-rigal __________Pietru. (għal, għall-)
6. __________il-Ħadd sejrin Ta' Qali. (Nar, Nhar)
7. __________ ġew jiġru meta semgħu ħoss. (Kolla, Kollha)
8. Ix-__________ li għadda għamilna reċta tad-daħq l-iskola. (xahar, xagħar)

(7 marki)

**Għ. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti.Ikteb Malti tajjeb u uża l-paragrafi. Żomm dejjem mas-suġġett. Tista' tuża l-għajnuniet mogħtija.**

(25 marka)

**1. Ġurnata ħdejn il-baħar.**
(*Meta kien? It-temp kif kien? X'ħadtu magħkom? X'għamiltu? Kif għaddejtu l-ħin?* )

**2. Kompli l-istorja li tibda hekk:**
Kont waħdi d-dar meta smajt il-bieb iħabbat b'urġenza.
(*Min kien ġie? Għaliex? X'ried? X'għamilt int? X'ġara wara?*)

**3. Il-kelb ta' George.**
(*X'jismu? X'razza hu? Kif ġie għand George? Kif jieħu ħsiebu?*)

**4. Ġurnata li ma ninsiha qatt.**
(*X'jum kien? X'ġara? Fejn? X'għamilt?*)

Titlu: ______________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**